## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 418/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Melvyn Camilleri)**

**vs**

**Hamid El Faiq**

Seduta tad-29 ta' April, 2021

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet dedotta kontra l-appellant, Hamid El Faiq, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 29265A, quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja talli fix-xahar ta' Gunju 2008 u fix-xhur ta' qabel gewwa San Pawl il-Bahar b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

1. Bil-vjolenza kkommetta stupru vjolenti fuq il-persuna ta' S N ta' tmintax-il sena li meta sehh ir-reat kien ghadu minuri ta' erbatax-il sena;

2. Aktar talli fl-istess dati, hin, lokalitajiet u cirkostanzi bla ordni skont il-Ligi ta' awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lill-istess S N kontra l-volonta' tieghu u dan bhala mezz biex jigi mgieghel jaghmel xi haga, jew joqghod ghal xi haga li toffendi il-misthija tas-sess tieghu;

3. Aktar talli b'eghmil zieni, ikkorrompa lill-istess S N minn meta kellu l-eta' ta' erbatax-il sena liema delitt sar b'theddid jew b'qerq;

4. Aktar talli li fl-istess hin, lok u cirkostanzi, b'xi mezz barra minn dak imsemmi fl-Artikolu 203(1), eccita, ghen jew iffacilita' l-korruzzjoni ta' S N persuna taht l-eta' tas-sess il-wiehed jew l-iehor;

5. Aktar talli li fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, ikkommetta attentat vjolenti ghall-pudur fuq l-istess minuri S N;

6. U kif ukoll ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-eta'.

Il-Qorti kienet mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

F'kaz ta' htija l-Qorti kienet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' S N u l-familja taghha ai termini ta' l-artikolu 383 et sequitur, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali permezz ta' nota tas-26 ta' Settembru 2008 (fol 280) li bih baghtet lill-imputat sabiex ikun gudikat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghal dak li hemm

mahsub fl-artikolu 18, 86, 87, 198, 203(1)(b), 203 A, 204C, 207 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-18 ta' Dicembru, 2008 quddiem l-ewwel Qorti li fiha l-imputat ddikjara li ma kellu l-ebda oggezzjoni li l-kaz tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-25 ta' Settembru, 2015 li biha sabet lill-imputat mhux hati tat-tieni (2) mputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u minnha lliberatu izda sabitu hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3) u tas-sitt (6) imputazzjoni u wara li qieset illi r-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjoni nghataw bhala alternattiva ghat-tielet imputazzjoni li taghha nstab hati astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjonijiet w ikkundannatu ghal-ghaxar (10) snin prigunerija; B' applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti ordnat l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' tlett (3) snin fejn il-persuni protetti huma SN u l-familjari tieghu u dan taht il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet. Inoltre, sabiex tkun protetta l-identita' tal-vittma l-Qorti ordnat d-divjet tal-publikazzjoni ta' ismu u tal-familjari tieghu fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni. B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ikkundannat lil-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jkun hekk mitlub bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti ihallas lill-istess Registratur tal-Qorti is-somma ta' €581.27 liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz;

Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Ottubru, 2015, permezz ta' liema talab lil din il-Qorti joghgobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonferma** fejn instab mhux hati tat-tieni, r-raba u l-hames akkuza [*recte*: imputazzjoni] u **tilliberah** mill-akkuzi 1, 3 u 6 u fin-nuqqas taghti sentenza aktar ekwa u gusta;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lil partijiet;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-aggravji tal-appellant huma fis-sustanza tnejn fejn fl-ewwel jallega l-apprezzament zbaljat tal-ewwel Qorti dwar il-provi mressqa u fit-tieni jillanja l-piena erogata bhala wahda

harxa. Fl-ewwel gravam tieghu, l-appellant iressaq l-argument illi ghalkemm l-ewwel Qorti kellha d-diskrezzjoni illi temmen verzjoni minn ohra, l-provi kienu tali illi ma kellhiex temmen dik vantata mill-allegata vittma u invece kellha tqis dik tal-appellant bhala l-wahda veritiera u dan anke mill-indizzji ezistenti;

2. Illi kif inhu palezament akkolt fil-gurisprudenza, lanjanza ta' din in-natura tkun tehtieg ezami mill-gdid u approfondit tal-provi mhux sabiex isir gudizzju mill-gdid izda sabiex din il-Qorti tkun konvinta jew le li l-ewwel Qorti qabilha setghet legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha;

3. Il-fatti ta' dan il-kaz brevement rakkontati jirrigwardaw rapport maghmul minn ragel ta' tmintax-il sena kontra l-imputat bl-allegazzjoni li dan kien jivjolentah u jabbuza minnu sesswalment minn meta kellu erbatax-il sena sakemm fl-ahhar iddecieda li jieqaflu minkejja li kien jgheddu li kellu filmat tal-attivitajiet sesswali ta' bejniethom u li kien jurieh lil kullhadd jekk ma jibqax imur ghandu;

4. L-ewwel Qorti ghamlet rassenja korretta u preciza tal-fatti u tal-provi rakkolti u ma hemm l-ebda htiega li dawn jergghu ikunu elenkati minn din il-Qorti. Isegwi ghalhekk illi l-ewwel ikun deciz jekk l-ewwel Qorti hadnitx sewwa r-regola tal-konflitt fil-provi u minn hemm 'l quddiem jekk kienitx ragjonevolment korretta fl-ghazla bejn verzjoni u ohra;

5. Ta' spiss jokkorri fi proceduri bhal dik in disamina fejn persuna tallega hwejjeg kontra persuna ohra li da parti taghha tichad u minflok tallega l-gidba da parti tad-denunzjant. Il-ligi tilqa' ghal din l-okkorrenza fl-artikolu 638 tal-Kodici Kriminali precizament fis-subartikolu tieghu li jipprovdi hekk:

> **B'dan kollu, f'kull kaz, ix-xiehdadwar ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar**.

6. Il-qofol ta' dan is-subartikolu jinsab fil-kliem "jekk emmnut" u dik id-decizzjoni hija fid-diskrezzjoni totali tal-gudikant li fil-gurisprudenza insibu insenjament arrikkit dwarha. Per ezemplari fis-sentenzi **Il-Pulizija vs Joseph Thorne App. Krim., 9.07.2003** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino et Qrt. Krim 19.10.2006** kien ritenut illi "*mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt ta' provi trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9 u tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux".* Fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara** tad-9 ta' Settembru, 2002, kien ritenut illi f'kaz ta' konflitt fil-provi il-gudikant jista' jkun tal-fehma illi l-kaz tal-prosekuzzjoni ma jkunx sodifacentement pruvat, li f'dak il-kaz tghaddi ghal-liberazzjoni, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-

ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni. Din il-Qorti ttenni ma' dan illi fl-ghazla ta' verzjoni minn ohra, il-gudikant jehtieg li jkun moralment konvint u dan il-grad ta' konvinciment jissarraf f'dak ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Illi ghalhekk l-ghazla bejn verzjoni u ohra bazata fuq il-konvinciment morali tippernja fuq il-kwalita' tal-prova b'mod allura illi dawn it-tnejn jimxu id f'id fid-dicezzjoni tal-gudikant. L-ewwel Qorti kienet ben edotta minn dan il-principju tant illi dan huwa rifless fil-konsiderazzjonijiet taghha u illustrat permezz ta' sentenzi lokali kif ukoll esteri;

7. Illi, ezaminati l-kunsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti, inkluz allura l-gurisprudenza li strahet fuqha, jemergi illi r-raguni ghaliex kkonkludiet illi l-allegat vittma kien kredibbli hi li kien konsistenti fil-verzjoni tieghu minn meta ghamel ir-rapport mal-pulizija sakemm ddepona quddiem il-Qorti; ma rriskontratx diskrepanzi sinifikanti f'din il-verzjoni u li l-allegazzjoni kienet korroborata minn rizultanzi ta' ezami mediku kondott mill-espert medikolegali nominat mill-istess Qorti. Din il-Qorti hi konkordi ma' dik tal-ewwel grad f'dan ir-rigward, almenu sa dan il-punt raggunt f'dawn il-konsiderazzjonijiet. Meta, per ezemplari, l-kwerelant rrakonta kif fl-ewwel okkazzjoni meta l-imputat kien allegatament ippenetrah minn wara kien ra hafna demm u ghamel zmien migugh. Meta mqabbel mal-konkluzzjoni tal-espert medikolegali, din il-verzjoni ssib korroborazzjoni li tnissel fil-gudikant dak il-konvinciment li l-kwerelant kien qal il-verita :

> "3. Illi hemm diversi kawzi t'anal fissure. Huwa possibbli illi din il-fissure giet kagunata minn

> penetrazzjoni sfurzata b'organu genitali ohxon izda huwa possibbli wkoll illi din ic-cikkatrici kienet rizultat ta' anal fissure antika kagunata minn konstipazzjoni" (fol.278).

Il-Qorti tinnota in rigward id-deposizzjoni tal-appellant innifsu dwar in-natura tal-parti tieghu bic-certifikat minnu esebit u li kieku gara kif allega l-kwerelant lanqas kien ikun jista' jimxi wara.

8. L-istes jinghad dwar li l-verzjoni tieghu meta jghid li l-imputat kien xtara *computer* minghand persuna ta' nazzjonalita' Bulgara u l-istruzzjonijiet kienu kollha bil-Bulgaru u ghalhekk kien talab lill-kwerelant jghinu f'dak ir-rigward. L-imputat kien fil-fatt xtara tali *computer* minghand persuna Bulgara. Ugwalment korroborata l-verzjoni li l-imputat kien ta' spiss jidher fil-kumpanija tal-kwerelant b'mod illi shabu kienu qed jiehdu l-impressjoni li kien hemm xi intimita bejniethom;

9. Minkejja dan, jokkorri li jkunu ezaminati l-ilmenti tal-appellant li fihom jelenka istanzi li skond hu kellhom iwasslu sabiex il-Qorti ma temminx il-verzjoni tal-kwerelant. U hawn issir referenza ohra ghall-principju ta' konvinciment 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni fejn allura jekk aktarx le milli iva li l-verzjoni tal-kwerelant m'ghandhiex mis-sewwa kellha allura tkun skartata mill-ewwel Qorti;

10. L-ewwel osservazzjoni tal-imputat hi dwar l-allegazzjoni maghmula mill-kwerelant li l-imputat kien ghamel

registrazzjonijiet tal-atti sesswali ta' bejnithom fuq video tape u li kien izomm id-dar tieghu. Jistaqsi kif jista' jitwemmen il-kwerelant meta fid-dar tal-imputat ma nstab l-ebda tali filmat wara tfittxija mill-Pulizija u kif meta l-kwerelant kellu jtih xi flus kien mar jirrapurtah lill-Pulizija fejn quddiemhom kien qabel li jibda jhallsu ratealment;

11. Il-kwerelant xehed illi l-imputat kien urieh bicca qasira minn dan il-video u li f'dak il-hin haseb li "daqshekk" (fol 33) li b'din l-espressjoni l-Qorti tifhem li hassu li hajtu kienet spiccat dak il-hin. Jghid li l-imputat kien ta kopja lil ohtu, oht il-kwerelant, biex tghaddihulu, kopja lil C u ohra lill wiehed Ciniz fejn kien jahdem dak iz-zmien. Ohtu ghaddietlu l-kopja izda ramiha ghaliex ma kellux video tape player. L-imputat jattakka din il-verzjoni billi jistrieh fuq il-fatt illi meta saret tfittxija fir-residenza tieghu ma nstab ebda tali video. Bid-dovut rigward, izda, n-nuqqas ta' sejbien ta' video jew registrazzjoni ma jfissirx b'daqshekk illi l-kwerelant ma kienx qed jghid il-verita';

12. L-imputat jallega ukoll illi l-kwerelant ivvinta dan kollu dwaru bhala vendikazzjoni wara li kien bghattlu ittra legali sabiex jissalda d-dejn li kellu fil-konfront tieghu. Din l-ittra hija debitament esebita in atti u ggib id-data tal-11 ta' Gunju 2008 filwaqt illi r-rapport lill-Pulizija sar mill-kwerelant fil-12 ta' Gunju, 2008. Anke hawn, tajjeb li ssir referenza ghall-osservazzjoni li gustament ghamlet l-ewwel Qorti igifieri li bid-deposizzjoni tieghu l-kwerelant sar passibbli ghall-proceduri kriminali kontra tieghu meta qal li kawza ta' dan kollu kien spicca jaghmel uzu mid-droga. Din il-Qorti zzid ma' dan illi

huwa xi ftit inkreduli li xi hadd jahseb li l-kwerelant ghadda minn dan kollu, igifieri, r-rakkont tieghu lill-Pulizija, inkjesta fl-ingenere u deposizzjoni quddiem il-Qorti ta' hwejjeg daqstant intimi u fl-istess waqt umiljanti ghall-ahhar semplicement biex jehles minn dejn ta' €600;

13. Fid-deposizzjoni tieghu quddiem l-ewwel Qorti, l-appellant esebixxa ritratti tal-kwerelant qed ipejjep *joint* flimkien ma' shabu u dan biex juri li kien midhla fl-uzu tad-droga. L-kwerelant stqarr li kawza ta' din it-trawma kien jirrikorri ghall-konsum tad-droga u allura ma hemm xejn konflingenti jew inveritier fil-verzjoni tieghu;

14. L-appellant jistrieh ukoll fuq ir-rizultat negattiv ghat-tfittxija ta' droga fir-residenza tieghu mill-Pulizija wara li l-kwerelant kiena allega li kien jikkonsma d-droga ghand l-imputat. Il-Qorti ma jidrilhiex li dan kellu jincidi b'xi mod fuq il-veracita' tal-verzjoni tal-kwerelant. Finalment, l-imputat jistaqsi kif l-ewwel Qorti ma rat xejn stramb fil-fatt illi meta l-kwerelant ghamel ir-rapport tieghu, dejjem bil-moventi li kien irrabjat wara li interpellat biex ihallas, kien jaf li kien gia ghaddej minn proceduri kriminali simili. Jidher li dan ma lissen ebda dubju lill-ewwel Qorti fl-accettazzjoni tal-verzjoni tal-kwerelant u din il-Qorti ma tara xejn irregolari in rigward;

15. Illi ghalhekk hija l-konkluzzjoni ta' din il-Qorti illi dik tal-ewwel grad setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha meta kkonkludiet li kellha temmen il-verzjoni tal-kwerelant u tiskarta dik tal-imputat. Issa, l-appellant jillanja s-sentenza minn aspett tal-

apprezzament tal-provi kwantu dak li jallega li kien konflitt taghhom u jillimita l-aggravju tieghu b'dan il-mod tant li ma jaghmel ebda lment dwar jekk jirrizultawx l-elementi tar-rejati jew le. Dan qed jinghad ghaliex meta Qorti tghazel li temmen verzjoni minn ohra, xorta wahda trid tezamina il-fatti mill-ottika tal-elementi tar-rejat sabiex tqis u tiddeciedi jekk dik l-allegata azzjoni jew inazzjoni tammontx ghar-reat jew reati imputati. L-ewwel Qorti ghamlet dan l-ezercizzju ghall-kull fatt imputat u l-appellant ma jressaq ebda ilment in rigward. Ghalhekk din il-Qorti mhix ser tinoltre f'tali ezercizzju revizorju la darba mhux mitlub. L-ewwel aggravju ghalhekk qed ikun michud;

16. Fit-tieni gravam tieghu l-appellant jikritika l-piena erogata mill-ewwel Qorti bil-mod segwenti: "*Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-piena massima li l-Qorti tat lill-appellant mhix ekwa u gusta ghaliex m'hemmx l-estremi li jiggustifika piena massima*". Il-Qorti tosserva illi l-ewwel Qorti applikat l-artikolu 17 tal-Kodici Kriminali fil-komputazzjoni tal-piena oltre li l-fatti kienu jammontaw ghar-rejat kontinwat taht l-artikolu 18 tal-istess kodici li taghmel il-piena passibbli ghal-zieda minn grad sa zewg gradi. Oltre dan, l-Qorti assorbiet il-piena erogabbli fl-artikolu 402C tal-Kodici Kriminali fl-ewwel u t-tieni imputazzjoni. Ghalhekk, apparti li mhux normali li din il-Qorti tiddisturba l-piena erogata mill-ewwel Qorti dment li din tkun fil-parametri tal-ligi, ma hemm xejn censurabbli fil-piena effettivament kominata mill-ewwel Qorti.

17. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud.